A.L. 15 ta' l-2007

ATT DWAR IL-ĦARSIEN TA' L-AMBJENT (KAP. 435)

Regolamenti ta' l-2007 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar l-Għeluq ta' l-Istaġun Miftuħ għall-Kaċċa u t-Teħid ta' l-Għasafar)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 9 ta' l-Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent, il-Ministru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2007 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar l-Istaġun Magħluq għall-Kaċċa u t-Teħid ta' l-Għasafar).

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2007.

Tifsir.

2. Kliem u frażijiet użati f'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, għandu jkollhom l-istess tifsira bħal dak mogħti fir-Regolamenti ta' l-2006, dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi, hawnhekk iżjed 'l quddiem imsejħin "ir-Regolamenti ta' l-2006".

A.L. 79 ta' l-2006.

Stabbilit l-għeluq ta' l-Istaġun Miftuħ.

3. Għall-finijiet li jistabbilixxi l-perjodu ta' għeluq ta' l-istaġun miftuħ għall-kaċċa u t-teħid ta' l-għasafar taħt il-paragrafi (i) u (ii) tal-*proviso* li hemm mas-subregolament (6) tar-regolament 10 tar-Regolamenti ta' l-2006, il-Ministru stabbilixxa:

(a) il-31 ta' Jannar 2007 bħala l-ġurnata fejn fiha jintemm l-Istaġun Miftuħ għall-kaċċa ta' l-għasafar;

(b) il-31 ta' Jannar 2007 bħala l-ġurnata fejn fiha jintemm l-Istaġun Miftuħ għall-kaċċa ta' l-għasafar fuq il-baħar;

(ċ) il-31 ta' Jannar 2007 bħala l-ġurnata fejn fiha jintemm l-Istaġun Miftuħ għat-teħid ta' l-għasafar ta' l-għana.